D. billi l-awtoritajiet tal-Venezwela b'mod arbitrarju keċċew mill-pajjiż lid-Direttur tal-José Miguel Vivanco, u lill-Daniel Wilkinson, il-Viċi Direttur tal-Ameriki fi ħdan il-Human Rights Watch, i, , minħabba li kienu ppreżentaw rapport kritiku dwar il-libertajiet ċivili u s-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem matul l-10 snin li fihom tail-President Hugo Chávez kien fil-kariga,

E. billi dawn huma biss l-aħħar episodji fost numru kbir ta' miżuri li ttieħdu mill-gvern sabiex jiġu intimiditi l-membri tal-oppożizzjoni, id-dissidenti u l-osservaturi internazzjonali fil-pajjiż,

F. billi fl-1 ta' Ottubru 2008, Julio Soto, l-istudent mexxej tal-partit Comité de Organización Política Electoral Independiente (COPEI) u President tal-Unjin tal-Istudenti fl-Università tal-Istat ta' Zulia, inqatel permezz ta' bosta tiri ta' arma tan-nar fil-karozza tiegħu fil-belt ta' Maracaibo — reat li twettaq taħt kundizzjonijiet suspetti u li għad irid jiġi ċċarat,

1. Jesprimi tħassib dwar il-lista ta' skwalifiki elettorali maħruġa mill-Kontrollur-Ġenerali tal-Venezwela;

2. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Venezwela biex jeżamina l-iskwalifiki politiċi ta' hawn fuq li ġew imponuti amministrattivament, b'referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 42 u 65 tal-Kostituzzjoni tal-Venezwela, li li jgħidu li miżuri bħal dawn fuq bażi definittiva jistgħu biss jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji, kif inhu normali fl-istati demokratiċi kollha;

3. Iħeġġeġ ukoll lill-Gvern tal-Venezwela biex ikun konformi mal-ftehim internazzjonali ffirmati u ratifikati mill-Venezwela, inkluża l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'referenza speċifika għad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet politiċi mniżżla fl-Artikoli 23(1)(b) u (2) tagħha, u l-Artikoli 2 u 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

4. Jesprimi oppożizzjoni qawwija fir-rigward tat-turment u tal-iskwalifika arbitrarja tal-attivisti tad-Drittijiet tal-Bniedem; jikkunsidra li din it-tkeċċija toħloq preċedent ferm gravi fir-rigward tar-rispett tal-libertà tal-espressjoni u tad-dritt li wieħed jikkritika, li jikkostitwixxu element fundamentali għal kwalunkwe soċjetà demokratika;

5. Jikkundanna bis-saħħa l-qtil tal-istudent mexxej, Julio Soto; iressaq il-kondoljanzi tiegħu lill-familja u lill-ħbieb tal-vittma, u jitlob lill-awtoritajiet tal-Venezwela biex jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jiġi ċċarat dan il-qtil mill-aktar fis, ħalli l-qattiela u l-persuni responsabbli jinġiebu quddiem il-qrati, u sabiex dan ir-reat issirlu ġustizzja;

6. Jitlob lill-gvern ta' Chávez biex itemm kull xorta ta' prattika ta' dan it-tip, u biex irawwem demokrazija iktar parteċipattiva fil-Venezwela, b'konformità sħiħa mal-prinċipji stabbiliti fil-kostituzzjoni tal-1999;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latina-merikana, lill-Parlament tal-Mercosur u lill-gvern u lill-parlament tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.

## Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo: ġlied fiż-żoni tal-fruntiera tal-lvant

P6_TA(2008)0526

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo: il-ġlied fiż-żoni tal-fruntiera tal-lvant tar-RDK**

(2010/C 15 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-21 ta' Frar 2008 dwar il-Kivu ta' Fuq ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-istupru bħala reat tal-gwerra, ([2]) kif ukoll ir-Riżoluzzjonijiet ta' qabel dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0072.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0022.

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tat-22 ta' Novembru 2007 tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-ACP u l-UE dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b'mod partikulari fil-lvant u l-impatt fuq ir-reġjun ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ir-reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2007 bl-isem "Lejn reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità" — l-involviment f'ambjenti diffiċli għall-iżvilupp sostenibbli, l-istabilità u l-paċi (COM(2007)0643) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni anness miegħu (SEC(2007)1417),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 60/1 tal-24 ta' Ottubru 2005 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-effetti tal-Laqgħa Għolja Dinjija tal-2005, u b'mod partikulari, il-paragrafi 138 sa 140 dwar ir-responsabiltà tal-protezzjoni tal-popolazzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tar-RDK fl-10 ta' Ottubru 2008,

— wara li kkonsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ġlied bejn l-armata tal-Kongo, it-truppi ribelli tal-Ġeneral Laurent Nkunda li tneħħa mill-armata, u l-ġellieda tal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tal-Irwanda (FDLR) kif ukoll it-truppi tal-Armata ta' Reżistenza Lord (LRA) tal-Uganda ġab tbatija kbira għall-popolazzjonijiet ċivili tar-reġjun tal-provinċji tal-Lvant tar-RDK għal bosta xhur,

B. billi, mill-1998, il-kunflitt li qed jolqot l-RDK qatel 5 400 000 persuna, u billi ikompli jkun il-kawża, b'mod dirett jew indirett, tal-mewt ta' madwar 1 500 persuna kuljum,

C. billi kien hemm ġlied kbir fl-inħawi tar-raħal ta' Rumangabo, li jinsab mal-fruntiera ħdejn Goma, u kamp militari importanti strateġiku nqered mir-ribelli ta' Nkgunda li ħatfu armi u provvisti,

D. billi skont rapporti tal-UNHCR il-ġlied ġdid fil-Kivu ta' Fuq ħalla għadd kbir ta' nies imweġġgħin u aktar minn 100 000 persuna li ġew spustati, flimkien ma' rapporti ta' mijiet ta' katavri li ntefgħu fix-xmara u 50 000 persuna li ġew spustati wara ġlied qalil mil-LRA fil-provinċja ta' Ituri,

E. billi sa mill-ftehim ta' paċi ta' Goma li sar fit-23 ta' Jannar 2008 kien hemm massakri, stupri fuq tfajliet, ommijiet u nanniet, lieva furzata ta' persuni ċivili u suldati tfal, u bosta atti oħra ta' vjolenza u ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fil-Lvant tar-RDK, kemm mit-truppi ribelli ta' Laurent Nkunda kif ukoll mill-ġellieda tal-FDLR u l-armata tal-Kongo stess,

F. billi l-Missjoni tan-NU fir-RDK (MONUC) għandha mandat, skont il-Kapitlu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, biex tuża l-mezzi kollha meħtieġa biex tiskoraġġixxi kull tentattiv ta' użu ta' forza min-naħa ta' xi gruppi armati barranin jew tal-Kongo, b'mod partikulari l-ġellieda tal-ex-FAR (ex-Forzi Armati tar-Rwanda) u l-Interhamwes li jhedded il-proċess politiku, u biex jiżgura l-ħarsien tan-nies ċivili li jkunu f'theddida imminenti ta' vjolenza fiżika,

([1]) ĠU C 58, 1.3.2008, p. 40.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0540.

**Il-Ħamis, 23 ta' Ottubru 2008**

G. wara li kkunsidra l-impenji dwar id-demobilizzazzjoni gradwali u l-waqfien mill-ġlied li ttieħdu fil-Konferenza ta' Goma għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Iżvilupp, fosthom il-waqfien mill-ġlied fost dawk kollha mdaħħla fil-ġlied, id-diżarm tal-forzi kollha li mhumiex tal-gvern, ir-ritorn u l-insedjament mill-ġdid tal-persuni spustati kollha fil-Lvant tar-RDK u l-istallazzjoni ta' mekkaniżmu temporanju għall-monitoraġġ tal-waqfien mill-ġlied,

H. billi l-armata tal-Kongo m'għandhiex ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK u dan hu ta' theddida għas-sehem li għandha biex thares il-popolazzjoni u terġa' ddaħħal il-paċi,

I. billi hu importanti ħafna li tinstab soluzzjoni politika għall-kunflitt fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK, sabiex jissaħħu l-paċi u d-demokrazija u jiġu promossi l-istabilità u l-iżvilupp fir-reġjun għall-ġid tal-popli kollha tar-Reġjun tal-Għadajjar il-Kbar,

J. billi l-gwerra ċivili fir-reġjun, li ilha għaddejja għal erba' snin, kienet ikkaratterizzata mis-sakkeġġ sistematiku tal-ġid tal-pajjiż mill-alleati u l-għedewwa tal-Gvern tal-Kongo,

K. billi bosta għaqdiet umanitarji kellhom iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom wara l-ġlied fi tmiem l-2007, filwaqt li ċ-ċentri tas-saħħa għadhom mingħajr provvisti jew ġew abbandunati mill-istaff mediku tagħhom,

L. billi, sabiex ikun hemm titjib sinifikanti fis-saħħa u tnaqqis fir-rata tal-imwiet fir-RDK kollha kemm hi u, b'mod partikulari, fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK, jeħtieġu snin ta' impenn konsistenti u investiment finanzjarju sostanzjali kemm mill-Gvern tal-Kongo kif ukoll mill-komunità internazzjonali,

M. billi l-ħaddiema tal-għajnuna umanitarja rrappurtaw li l-popolazzjonijiet lokali u spostati fil-provinċji tal-Lvant tar-RDC qegħdin kulma jmorru jiddgħajfu u li l-ġlied li għadu għaddej qiegħed jimpedixxi lill-ħaddiema tal-assistenza milli jidħlu f'ċerti żoni li jeħtiġilhom assistenza urġenti fl-ikel u l-mediċini,

N. billi n-nutrizzjoni ħażina hija aspett ieħor tal-vulnerabilità estrema li jinsabu fiha l-popolazzjonijiet li bħalissa qegħdin jgħixu fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK u billi t-tagħrif mill-programmi ta' għajnuna medika tal-MSF jagħti indikazzjoni allarmanti tal-kobor tan-nutrizzjoni ħażina fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK,

O. billi l-UE tikkundanna bil-qawwa d-dikjarazzjonijiet reċenti ta' Laurent Nkunda li jitolbu biex jitwaqqa' l-gvern tar-RDK elett b'mod leġittimu,

1. Huwa mħasseb ferm dwar il-ġlied li reġa' beda bejn l-armata tal-Kongo u l-milizzji ribelli fil-Kivu ta' Fuq u fir-reġjun ta' Ituri, li qabel kien wieħed ta' paċi;

2. Jesprimi r-rabja kbira tiegħu għall-massakri, ir-reati kontra l-umanità u l-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-bniet, li ilhom għaddejjin għal wisq snin fil-provinċji tal-Lvant tar-RDK u jistieden lill-awtoritajiet rilevanti nazzjonali u internazzjonali biex b'mod sistematiku jinġiebu l-ħatja quddiem il-ġustizzja, huma min huma, u jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biex b'urġenza jieħu l-miżuri kollha li jistgħu jwaqqfu b'mod ġenwin aktar attakki fuq il-popolazzjonijiet ċivili tal-provinċji tal-Lvant tar-RDK;

3. Jistieden lill-*Congrès National pour la Défense du Peuple* (CNDP — Kungress Nazzjonali għad-Difiża tal-Poplu) biex jerġa' lura minnufih u bla kundizzjonijiet għall-proċess tal-paċi li kkommetta ruħu għalih f'Goma f'Jannar;

4. Iheġġeġ lill-parteċipanti kollha biex jerġgħu jistabbilixxu l-istat tad-dritt u biex jiġġieldu konra l-impunità minħabba l-istupri tal-massa tan-nisa u l-bniet u r-reklutaġġ tat-tfal bħala suldati;

5. Jistieden lill-Gvern tar-RDK biex jiżviluppa pjan flimkien mal-Irwanda u l-MONUC sabiex jiżolaw u jaqbdu lill-mexxejja tal-FDLR li wettqu l-ġenoċidji u biex joffru li jerġgħu jilqgħu fiRDK jew li jiġu integrati fl-Irwanda lil dawk li ma kinux imdaħħla fil-ġenoċidji u li huma lesti li jiddemobilizzaw;

6. Jistieden lill-komunità internazzjonali u lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex isaħħu l-MONUC billi jipprovdu materjal xieraq u staff sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-mandat tagħhom, kif kien mitlub mill-kap tal-MONUC Alan Doss fi New York wara li informa lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-President tar-RDK u l-ministri tiegħu esprimew pubblikament l-appoġġ tagħhom għall-MONUC u għall-kontribut tagħha għas-sigurtà nazzjonali;

8. Jistieden lill-MONUC biex tinvestiga l-akkużi li l-armata tal-Kongo qiegħda tiftiehem mal-FDLR fuq il-kontroll tal-kummerċ tal-minerali li jħalli l-qligħ, u biex twaqqaf din il-prattika;

9. Jerġa' jafferma l-appoġġ tiegħu għall-awtoritajiet tal-Kongo fl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni politika għall-kriżi u jistieden lill-partijiet kollha biex josservaw il-waqfien mill-ġlied;

10. Jinnota filwaqt li jitħasseb li elementi mill-Armata ta' Reżistenza tar-ribelli Lord (LRA) tal-Uganda dan l-aħħar fetħet attakki fuq 16-il lokalità fit-territorji ta' Dungu, Province Oriental u Ituri fil-Lvant tar-RDK, fejn il-UNHCR irrappurtat li kien hemm madwar 80 tifel u tifla neqsin, filwaqt li kkonfermaw il-biża' li reġa' qiegħed isir ir-reklutaġġ furzat tat-tfal bħala suldati;

11. Jenfasizza li l-ġbir tan-nies fi gruppi etniċi waqt il-proċess ta' spostament jista' jkun ta' periklu fiċ-ċirkustanzi attwali;

12. Jitlob li m'għandu jkun hemm l-ebda tolleranza għall-vjolenza sesswali fir-rigward tal-bniet u tan-nisa, aġir li jintuża bħala arma tal-gwerra, u jitlob kastigi ħorox kontra l-persuni ħatja ta' dawn ir-reati; ifakkar fl-importanza tal-aċċess għas-servizzi tas-saħħa f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u fil-kampijiet tar-rifuġjati;

13. Jistieden lill-partijiet kollha biex jonoraw l-impenji tagħhom li jħarsu l-popolazzjoni ċivili u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, kif hemm fil-ftehima ta' paċi ta' Goma u fil-Komunikat ta' Nairobi u biex jimplimentawhom bil-ħeffa;

14. Jistieden lill-gvernijiet tar-RDK u tal-Irwanda biex iwaqqfu t-tilwim verbali reċenti u biex jerġgħu lura għad-djalogu kostruttiv u jtemmu dan il-kunflitt;

15. Iheġġeġ lill-gvernijiet kollha tar-Reġjun tal-Għadajjar il-Kbar biex jibdew djalogu bil-għan li jikkoordinaw l-isforzi tagħhom biex inaqqsu t-tensjoni u jwaqqfu l-vjolenza fil-Lvant tar-RDK, qabel ma l-kunflitt jinfirex fir-reġjun kollu kemm hu;

16. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex, b'effett immedjat, jimplimentaw programmi ta' għajnuna medika fuq skala kbira għall-popolazzjonijiet ċivili fil-Lvant tar-RDK, b'aċċent partikulari fuq l-assistenza għan-nisa u l-bniet effettwati mir-reati tal-vjolenza sesswali, sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet immedjati tal-popolazzjoni kif ukoll biex tiġi antiċipata r-rikostruzzjoni tar-reġjun li ser tkun meħtieġa; jinnota s-sehem ewlieni tan-nisa biex il-komunitajiet imfarrka jinbnew mill-ġdid;

17. Jistieden lill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali biex jinvestiga r-reati atroċi mwettqa fil-Kivu u f'Ituri sa minn Ġunju 2003 u biex jipproċedi kontra dawk responsabbli b'mod ċar; u jiżgura li jiġu nklużi l-kapijiet tal-milizzji ewlenin li għadhom ma ġewx arrestati, u dawk responsabbli għall-massakri u għall-vjolenza sesswali;

18. Jitlob li jiġu implimentati b'mod effettiv mekkaniżmi ta' kontroll, bħall-Proċess ta' Kimberley, f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċertifkazzjoni tal-oriġini tar-riżorsi naturali importati fis-suq tal-UE;

19. Jistieden lill-Kunsill u lil kull Stat Membru biex jagħtu għajnuna speċjali lill-popolazzjonijiet tal-Lvant tar-RDK;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-PESK, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, , lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti u tar-Reġjun tal-Għadajjar il-Kbar.

---

## Burma

P6_TA(2008)0527

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar il-Burma**

(2010/C 15 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-19 ta' Ġunju 2008 ([1]), tal-24 t'April 2008 ([2]), tas-27 ta' Settembru 2007 ([3]), tal-21 ta' Ġunju 2007 ([4]) u tal-14 ta' Diċembru 2006 ([5]) dwar il-Burma,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burma/Mjanmar tad-29 t'April 2008 adottati fil-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u Esterni fil-Lussemburgu u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/318/PESK tas-27 ta' April 2006 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Burma/Myanmar ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tat-3 ta' Settembru 2008 (A/63/341) li sar mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Myanmar, Tomás Ojea Quintana,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 (5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-24 t'Ottubru 2008 jimmarka t-13-il anniversarju tal-priġunerija inġusta bħala priġuniera politika ta' Daw Aung San Suu Kyi, Segretarja Ġenerali tal-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD); billi madwar 2 120 individwi oħra għadhom jiffaċċjaw il-priġunerija f'kundizzjonijiet atroċi sempliċiment għax esprimew ix-xewqa tad-demokrazija fil-Burma; u billi fit-3 t'Ottubru 2008 Navanethem Pillay, il-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti li nħatret reċentement, appellat formalment lill-awtoritajiet militari tal-Burma biex jeħilsu l-priġunieri politiċi kollha,

B. billi, fl-anniversarju tal-priġunerija ta' Daw Aung San Suu Kyi, mexxejja ta' pajjiżi Ażjatiċi u Ewropej se jiltaqgħu fis-Seba' Laqgħa Ażja-Ewropea (ASEM) fiċ-Ċina fl-24 u l-25 t'Ottubru 2008,

C. billi l-ġunta militari tal-Burma qiegħda tirrifjuta apposta li tieħu miżuri preventivi jew protettivi ta' salvagwardja kontra l-karestija serja li qed thedded l-istat ta' Chin fil-Punent tal-pajjiż,

D. billi, f'Settembru 2008, l-awtoritajiet tal-Burma għamlu azzjoni ta' ripressjoni twila ħamest ijiem fuq il-protesti mifruxa li kienu bdew sitt ġimgħat qabel,

---

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0312.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0178.
([3]) ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 311.
([4]) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 383.
([5]) ĠU C 317 E, 23.12.2006, p. 902.
([6]) ĠU L 116, 29.4.2006, p. 77.